# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

### Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Alfred Micallef**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjoni miġjuba fil-konfront ta` **Alfred Micallef**, detentur tal-karta tal-identita` numru 665345M fejn ġie mixli talli fis-7 t'April 2015 għall-ħabta ta' 22:15 fi Triq Andrea Bogdon, Ħaż-Żebbuġ : -

1) "Bil-lejl ksirt il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor
2) Imbutajt IiI Paul Bonello fi triq biex twegghu jew tinsulentah
3) Hebbejt kontra Paul Bonello sabiex tingurjah idejjqu jew taghmilu hsara IiI din iI-persuna jew IiI haddiehor kemm iI darba iI-fatt ma jkunx jaqa taht xi dispozizzjoni ohra tad an iI-Kodici
4) talli ghamilt IiI Paul Bonello ingurji jew theddid mhux imsemijin banda ohra f'dan iI-Kodici jew jekk ikun provokat ingurjajat b'mod li ħrigt barra mill-limitu tal-provokazzjoni
5) talli ma obdejtx I-ordnijiet legitimmi ta' PS 362W.Borg
6) talli fixkilt jew hallejt IiI PS 362 u WPC168 waqt Ii kienu qeghdin jaqdu dmirijiethom

7) Soqt vettura b'numru CAG357 ta tip Landrover minghajr polza talassigurazjoni dwar riskji ta terzi persuni
8) Ma kellekx licenzja imgedda tal-vettura CAG357 ghas-sena kurrenti
9) Ma kellekx il-licenzja tal-vettura CAG 357 imwahhla mal-windscreen."

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex fil-każ ta# ħtija tapplika l-Artikolu 383(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li deher ukoll il-parte civile li ddikjara li huwa jinsab imputat b'imputazzjonijiet irnnissla minn fatti relatati ma' dan il-każ, liema imputazzjonijiet kienu l-meritu ta' kawża tinsab appuntata fuq il-lista tal-lum. Minħabba f'dan il-parte civile talab lil Qorti sabiex, minħabba n-natura tal-involviment tiegħu f'dan il-każ, teżentah milli jkun obbligat iwieġeb għal mistoqsijiet li bit-twegiba għalihom ikun jista' jinkrimina lilu nnifsu u dan aktar u aktar tenut kont tal-livell t'involviment u parteċipazzjoni tiegħu fil-fatti li taw lok għall-istess każ.

Rat li l-Qorti wara li semgħet sommarjament lill-partijiet, laqgħat l-istess talba.

Minbarra dan semgħet ukoll lil-parte civile tirrinunzja għall-kwerela li huwa kien ġja għamel u għall-azzjoni kriminali safejn din kienet rinunzjabbli u dan stante li l-parte civile kien qiegħed jaħfer lill-imputat.

Rat ukoll li ghal kull buon fini l-imputat iddikjara li aċċetta tali rinunzja.

Rat ukoll li l-Prosekuzzjoni iddikjarat li apparti dawk prodotti ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ u għalhekk iddikjarat il-provi tagħha magħluqa.

Id-difiza iddikjarat li ma kellhiex provi x'tipproduċi f'din il-kawza.

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ, l-inċident prinċipali bejn l-imputat u Paul Bonello seħħ preċiżament quddiem għajnejn il-Pulizija li xehdu permezz tal-affidavit u ċjoe' – PS362 W. Borrg u WPC 168 S. Portelli. Ix-xiehda ta' dawn iż-żewġt aġenti tal-Pulizija hija ċara dwar kif beda u żvolġa dan l-inċident. It-tnejn jgħidu li Bonello u Micallef qabdu jitgħajru kif ukoll qabdu jagħtu lil xulxin bl-idejn tant li l-istess Pulizija ippruvaw iferquhom u t-tnejn li huma ma riedux jobdu l-ordni leġittima li tawhom il-Pulizija biex jieqfu immedjatament. Ta' dan l-inċident din il-Qorti ma teħtieġx ix-xiehda ta' Paul Bonello għaliex ix-xiehda tal-aġenti tal-Pulizija hija

biżżejjed biex tintegra r-reati kontestati lill-imputati min-numru wieħed san-numru sitta.

Issa l-proċediment tal-azzjoni penali f'dan il-każ ġie meħud *ex officio* mill-Pulizija Eżekuttiva. Huwa minnu li t-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet huma kontravvenzjonijiet li l-proċedibbilta tagħhom tmiss lill-parti offiża u huwa minnu wkoll li quddiem din il-Qorti l-parte civile iddikjara li qed jaħfer lill-imputat u li kien qed jirtira l-kwerela u jirrinunzja għall-azzjoni kriminali safejn din kienet rinunzjabbli. Iżda dwar dan il-punt, dil-Qorti tagħmel riferenza għal diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fosthom *Il-Pulizija vs. Emanuel Sammut,* deċiża nhar id-9 ta' Novembru 2011, nonche d-digriet tal-istess Qorti fil-kawza *Il-Pulizija vs Raymond Sciberras* tas-6 ta' Frar 1992. F'dan is-sens, din il-Qorti taqbel mal-istess Qorti tal-Appell Kriminali fis-sens li din il-Qorti ma tistax tiddikjara l-proċediment eżawrit fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet. Iżda hija obbligata li tisma' l-provi u semmai tieħu in konsiderazzjoni dik il-maħrfa meta tiġi biex tiddetermina l-piena dwar l-imsemmijin tieni, tielet u raba' imputazzjonijiet. Dil-Qorti huwa preċiżament dak li ser tagħmel.

Il-Qorti qegħda tqis ukoll li l-ħames u s-sitt imputazzjonijiet fil-verita' ma humiex żewġt imputazzjonijiet iżda jirriflettu imputazzjoni kontravvenzjonali waħda li titnissel mill-Artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi kwantu għas-sebgħa imputazzjoni, din il-Qorti tqis li ma nġiebitx l-aqwa prova li fil-fatt l-imputat saq il-vettura minn jeddu meta ma kienetx koperta b'polza tal-assikurazzjoni. Dan qed jingħad għaliex : -
(1) jirriżulta ċar li fuq il-post tal-inċident, l-imputat kien ordnat li jsuq dil-vettura mill-Aġent tal-Pulizija u għalhekk huwa kien qiegħed f'dak il-mument jobdi ordni leġittimu mogħti lilu u s-sewqan tiegħu għalhekk ma kienx wieħed t'eżerċizzju liberu u volut li jista' jintegra r-reat;
(2) ma nġiebet ebda prova dokumentarja jew xort'oħra – għajr għall-istqarrija ta' PS362 li tindika li l-vettura tal-imputat kien verament skoperta minn polza tal-assikurazzjoni;
(2) inoltre għalkemm PS 362 jgħid li l-imputat stqarr miegħu li huwa saq il-vettura meta ma kienetx koperta b'polza tal-assikurazzjoni, din l-istqarrija ma jirriżultax li kienet preċeduta minn xi twissija preċedenti da parti tal-aġent tal-Pulizija almenu li l-imputat kellu l-jedd li jibqa' sieket u li jekk jitkellem u jgħid xi ħaġa, dak kollu li jgħid ikun jista' jinġieb bi prova fi proċeduri li setgħu jiġi istitwiti kontrih. Fid-dawl tan-nuqqas ta' prova ta' tali twissija, din il-Qorti ma tqisx li jkun "safe and satisfactory" li tistrieħ fuq id-dikjarazzjoni ta' PS362 bħala l-aqwa prova li l-imputat saq il-vettura tiegħu waqt li ma kienx kopert b'polza t'assikurazzjoni. Għalhekk dil-Qorti sejra tilliberah mis-seba' imputazzjoni.

Illi mhux l-istess pero jista' jingħad għar-rigward tat-tminnu d-disa imputazzjoni mnejn jirriżulta li mill-istess xiehda ta' PS362, wara mhux

biss dak li huwa kkonstata fuq il-post fejn kienet il-vettura iżda wkoll minn riċerka li għamel huwa personali mid-dokumenti kustoditi mill-Kummissarju tal-Pulizija setgħa jara li l-imputat ma kellux il-liċenza tal-vettura CAG357 mġedda  għas-sena kurrenti u l-anqas ma kienet tirriżulta mwaħla mal-windscreen.

## *Deċide*

Li filwaqt li ssib lill-imputat Alfred Micallef, mhux ħati tas-seba' imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena, issibu ħati tal-imputazzjonijiet numri wieħed, tnejn, tlieta, erbgħa, ħamsa u sitta (bħala reat kontravenzjonali wieħed), tmienja u disa' u wara li rat l-Artikoli 17, 338(m), 339(1)(l), 339(1)(d), 339(1)(e), 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta nonche A.L. 191 tal-2002 u tal-A.L. 128 tal-1994 kif emendati u tikkundannaħ għall-ħlas ta' ammenda komplessiva ta' mija u ħamsin euro (€150).

***Mogħtija illum id-9 t'Ottubru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***